



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Marzu 2019  
(OR. en)

7323/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0066(NLE)**

---

**AVIATION 51**  
**USA 16**  
**RELEX 239**

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
|-------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur                                                                                                                                                                                                                                |
| data meta waslet: | 7 ta' Marzu 2019                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                            |
| Nru dok. Cion:    | COM(2019) 121 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| Suġġett:          | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza skont il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili, rigward iż-żieda ta' Anness 3 mal-Ftehim |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 121 final.

Mehmuż: COM(2019) 121 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.3.2019  
COM(2019) 121 final

2019/0066 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza skont il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili, rigward iż-żieda ta' Anness 3 mal-Ftehim**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Fl-2008, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka ffirmaw ftehim dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”). Fil-bidu, l-ambitu tal-Ftehim, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2011, kien limitat għall-ittestjar, għall-approvazzjoni u għall-monitoraġġ ambjentali u tal-ajrunavigabbiltà tal-prodotti ajrunawtiċi kif ukoll għall-approvazzjoni u għall-monitoraġġ tal-faċilitajiet ta' manutenzjoni. Sussegwentement, l-ambitu tal-Ftehim ġie estiż għall-għoti tal-liċenzji u għat-taħriġ tal-persunal, għat-tħaddim tal-inġenji tal-ajru, kif ukoll għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Dik l-estensjoni saret permezz ta' emenda ffirmata fit-13 ta' Diċembru 2017 u ilha tiġi applikata b'mod proviżorju minn dik id-data 'l hawn.

Filwaqt li kkunsidrat l-ambitu estiż tal-Ftehim, il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), żviluppat flimkien mal-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni (FAA) tal-Istati Uniti, Anness 3 ġdid tal-Ftehim dwar l-għoti tal-liċenzji tal-bdoti (l-Anness FCL), li l-adozzjoni tiegħu hija l-objettiv ta' din il-proposta.

L-Anness FCL jindirizza s-sitwazzjoni ta' għadd kbir ta' bdoti privati, b'residenza fl-UE, li effettivament ikollhom liċenzja maħruġa mill-FAA skont il-liġijiet tal-Istati Uniti, minkejja r-regola ġenerali stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jeżiġi li l-bdoti b'residenza fl-Istati Membri tal-UE jkollhom liċenzja ta' bdot maħruġa skont ir-regoli tal-UE.

Din is-sitwazzjoni wasslet għall-ħtieġa li l-Kummissjoni Ewropea, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1178/2011 tal-ekwipaġġ tal-ajru tal-UE tat-3 ta' Novembru 2011, tagħti derogi, li jippermettu lill-bdoti li jkollhom residenza fl-UE u li jkunu involuti f'operazzjonijiet privati jkomplu jużaw iċ-ċertifikati tal-bdoti tal-FAA tagħhom (l-hekk imsejjaħ “deroga FCL”). Suppost dik id-deroga FCL kellha tkun temporanja, sakemm tiġi żviluppata soluzzjoni kosteffettiva għal din il-kwistjoni.

L-Anness FCL il-ġdid huwa l-eżitu ta' sforz kollaborattiv mill-Aġenti Tekniċi rispettivi tal-Partijiet, jiġifieri l-EASA min-naħa tal-UE u l-FAA min-naħa tal-Istati Uniti, li jippermetti l-konverżjoni effiċjenti taċ-ċertifikati u tal-klassifikazzjonijiet tal-bdoti privati tal-FAA f'liċenzji u fi klassifikazzjonijiet tal-bdoti privati FCL tal-UE u viċeversa.

#### **• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka fir-rigward tas-sikurezza tal-avjazzjoni hija parti mill-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa. L-Anness FCL il-ġdid propost se jipprovdi l-qafas biex jiġi żgurat li l-bdoti b'residenza fl-UE jtajru l-inġenji tal-ajru abbażi tal-liċenzji/tal-klassifikazzjonijiet maħruġa skont ir-Regolamenti tal-UE, li jkunu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE u li jżommu u jiżviluppaw il-kwalifiki tagħhom f'organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-UE.

Malli jiġi adottat l-Anness FCL, id-deroga FCL ma tibqax meħtieġa iktar.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim iservi biex jintlaħaq objettiv fundamentali tal-politika esterna tal-avjazzjoni tal-Unjoni billi jtejjeb is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili u jiffaċilita l-kummerċ u l-investment fil-prodotti ajrunawtiċi. L-Anness FCL il-ġdid huwa konsistenti mal-politika kumplessiva tal-avjazzjoni tal-Unjoni billi jiffaċilita kooperazzjoni xierqa ma' pajjiżi terzi u mal-awtoritajiet tal-avjazzjoni tagħhom, u billi jippromwovi l-aċċettazzjoni reċiproka taċ-ċertifikati u ta' dokumenti rilevanti oħra.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli.

- **Għażla tal-istrument**

Iż-żieda ta' Anness ġdid tal-Ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka hija l-iktar strument effiċjenti biex jintlaħaq l-għan li jkun hemm konverżjoni reċiproka effiċjenti tal-liċenzji u tal-klassifikazzjonijiet tal-bdoti privati.

## **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE ġew ikkonsultati mill-EASA fl-2013 u fl-2014 rigward it-test tal-abbozz tal-Anness FCL u l-proċeduri ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-kummenti li saru ġew ikkunsidrati fid-diskussjonijiet mal-FAA, li wasslu għall-finalizzazzjoni tal-Anness.

Il-Kummissjoni għarrfet ukoll lill-Istati Membri tal-UE dwar l-iżvilupp ta' dan l-Anness fil-Kumitat stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni tal-Kunsill (a) permezz ta' rapporti dwar id-diskussjonijiet li saru dwar l-Anness il-ġdid fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza u (b) fil-kuntest tat-tħejjijiet għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/61 biex jitkabbar l-ambitu tal-Ftehim, u jinkludi, fost affarijiet oħra, l-għoti tal-liċenzji u t-taħriġ tal-persunal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fl-iżvilupp tal-Anness FCL il-ġdid, il-Kummissjoni Ewropea ġiet assistita mill-EASA. L-EASA u l-FAA għamlu tqabbil regolatorju bejn ir-rekwiżiti tal-UE u tal-Istati Uniti għall-

għoti tal-liċenzji tal-bdoti privati. Dak it-tqabbil għe ffinalizzat fl-2014 u ppermetta li jiġu identifikati wkoll id-differenzi regolatorji bejn is-sistemi tal-UE u tal-Istati Uniti, li huma indirizzati bl-hekk imsejħa “kundizzjonijiet speċjali” li huma stabbiliti fl-Anness FCL propost.

L-EASA wettqet ukoll valutazzjoni tal-FAA sabiex titrawwem il-fiduċja fis-sistema tal-Istati Uniti għall-għoti tal-liċenzji tal-bdoti. Dik il-valutazzjoni kienet tinkludi żjara tal-EASA fil-Kwartieri Ġenerali tal-FAA f'Washington u fl-Uffiċċju Distrettwali tal-Istandards tat-Titjir f'Washington kif ukoll f'żewġ skejjel tal-FAA għat-taħriġ fit-titjir iċċertifikat (fi Frar 2013). L-EASA żaret ukoll is-servizzi tal-FAA li ġejjin, bħala parti miż-żjara fiċ-Ċentru Ajrunawtiku Mike Monroney fil-Belt ta' Oklahoma: il-Fergħa tal-Istandards tal-Ittestjar tal-Operaturi tal-Ajru, il-Fergħa taċ-Ċertifikazzjoni tal-Operaturi tal-Ajru u d-Diviżjoni tal-Istandards Regolatorji tal-Akkademja tal-FAA (f'April 2013). L-ambitu tal-valutazzjoni kien limitat għall-għoti tal-liċenzji tal-bdoti privati u għall-klassifikazzjonijiet assoċjati tat-titjir bl-istrumenti, li jikkorrispondu għall-ambitu tal-Anness FCL propost.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Min-naħa tal-UE, l-EASA se tikkoordina l-implimentazzjoni tal-Anness FCL il-ġdid. Il-proċeduri dettaljati dwar l-implimentazzjoni se jiġu definiti fil-Proċeduri ta' Implimentazzjoni għall-Għoti tal-Liċenzji (IPL), li attwalment qegħdin jiġu finalizzati mill-Aġenti Tekniċi tal-EASA u tal-FAA (qabel l-adozzjoni tal-Anness FCL il-ġdid).

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Anness FCL se jitwettaq l-ewwel nett mill-Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni tal-Ekwipaġġ tal-Ajru (JCAB), li se jagħti rendikont ta' għemilu lill-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza (BOB) stabbilit skont il-Ftehim. Il-JCAB se jirrapporta lill-BOB fuq bażi regolari.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Taqsim 1 “Għan u ambitu”

Din it-taqsima tal-Anness FCL tispjega l-ambitu u l-għan tiegħu, jiġifieri l-aċċettazzjoni reċiproka tas-sejbiet tal-konformità u tad-dokumentazzjoni, kif ukoll l-għoti ta' assistenza teknika rigward l-għoti tal-liċenzji u l-monitoraġġ tal-konformità tal-bdoti privati.

L-ambitu tal-Anness ikopri l-liċenzji tal-bdoti privati FCL tal-UE u ċ-ċertifikati tal-bdoti privati tal-FAA, il-privileġġi tal-bdoti privati inklużi f'liċenzji FCL oħra tal-UE f'ċertifikati oħra tal-bdoti tal-FAA, kif ukoll il-klassifikazzjonijiet tat-titjir billejl u bl-istrumenti, fil-kategoriji tal-ajruplani bil-pistuni b'magna waħda li jinżlu fuq l-art u tal-ajruplani bil-pistuni b'iktar minn magna waħda li jinżlu fuq l-art f'operazzjonijiet bi bdot wieħed, għajr kwalunkwe klassifikazzjoni tat-tip.

## Taqsima 2 “Definizzjonijiet”

Din it-taqsima tal-Anness FCL tiddefinixxi uħud mit-termini tekniċi li jintużaw spiss.

## Taqsima 3 “Il-Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni tal-Ekwipaġġ tal-Ajru”

Din it-taqsima tistabbilixxi Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni tal-Ekwipaġġ tal-Ajru (JCAB), li se jagħti rendikont ta' għemilu lill-BOB u li se jkun responsabbli għall-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tal-Anness FCL. Il-JCAB huwa kopresedut mid-Diretturi tal-Istandards tat-Titjir tal-EASA u tal-FAA. Ir-responsabbiltajiet prinċipali tal-JCAB jinkludu:

- (a) L-iżvilupp, l-approvazzjoni u r-reviżjoni tal-Proċeduri ta' Implimentazzjoni għall-Għoti tal-Liċenzji (IPL);
- (b) Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet rilevanti ta' sikurezza u l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizzawhom;
- (c) L-iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti tal-Anness;
- (d) L-iskambju ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ippjanati u li għaddejjin ta' tfassil tar-regoli li jistgħu jaffettwaw il-bażi u l-ambitu tal-Anness;
- (e) Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar bidliet sinifikanti fis-sistemi tal-għoti tal-liċenzji tal-bdoti tal-Partijiet li jistgħu jaffettwaw il-bażi u l-ambitu tal-Anness;
- (f) Is-soluzzjoni ta' kwistjonijiet tekniċi li jkunu parti mir-responsabbiltajiet tal-Aġenti Tekniċi u tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni u li ma jkunux jistgħu jiġu solvuti fil-livell tagħhom; kif ukoll
- (g) It-tressiq ta' emendi għal dan l-Anness lill-BOB;

## Taqsima 4 “Implimentazzjoni”

Din it-taqsima fiha kundizzjonijiet dettaljati għall-konverżjoni taċ-ċertifikati u tal-klassifikazzjonijiet tal-bdoti tal-FAA f'liċenzji u fi klassifikazzjonijiet FCL tal-UE kif ukoll kundizzjonijiet għall-konverżjoni tal-liċenzji u tal-klassifikazzjonijiet FCL tal-UE f'ċertifikati u fi klassifikazzjonijiet tal-bdoti tal-FAA.

Din it-taqsima fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar l-assistenza teknika fl-attivitajiet tal-għoti tal-liċenzji tal-bdoti, il-verifika jew il-konferma tal-awtentiċità tal-liċenzja oriġinali FCL tal-UE jew taċ-ċertifikat tal-bdot oriġinali tal-FAA, u skambju ta' informazzjoni dwar ir-reviżjonijiet tal-liġijiet, tar-regolamenti, tal-proċeduri, tal-politiki, jew tal-istandards, li jistgħu jaffettwaw il-bażi li fuqha jissejjes l-Anness.

## Taqsima 5 “Komunikazzjoni u kooperazzjoni”

Din it-taqsima fiha dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-FAA, l-EASA, u fejn applikabbli, l-awtoritajiet tal-avjazzjoni tal-Istati Membri. Din tinkludi dispożizzjonijiet għad-deżinjazzjoni ta' punti ta' kuntatt għad-diversi aspetti tekniċi tal-Anness FCL.

## Taqsima 6 “Rekwiżiti ta' Kwalifika għall-aċċettazzjoni tas-sejbiet ta' konformità”

Din it-taqsima fiha r-rekwiżiti bażiċi għall-awtoritajiet rigward l-effettività tas-sistemi rispettivi tagħhom għas-sorveljanza regolatorja tal-bdoti, inkluż l-istruttura ġuridika u regolatorja, ir-riżorsi, il-programmi tat-taħriġ, id-dokumentazzjoni u r-reġistri, kif ukoll il-politiki interni, il-proċeduri u s-sistemi tal-kwalità.

Barra minn hekk, din it-taqsima fiha dispożizzjonijiet dwar it-turiġin inizzjali u kontinwa tal-effettività ta' daww is-sistemi, inkluż dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-Partijiet fl-awditi tal-kwalità u fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni ta' xulxin, fl-iskambju tar-rapporti dwar il-kwalità u l-istandardizzazzjoni u ta' informazzjoni rilevanti oħra li tista' tkun meħtieġa biex tinżamm il-fiduċja kontinwa tal-Partijiet fis-sistemi ta' xulxin.

## Taqsima 7 “Tariffi”

Jekk ikun applikabbli, it-tariffi għall-konverżjoni tal-liċenzji u tal-klassifikazzjonijiet tal-bdoti jiġu applikati skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim u skont ir-rekwiżiti statutorji u regolatorji applikabbli.

## Appendiċi 1 “Kundizzjonijiet Speċjali”

Dan l-Appendiċi fih il-kundizzjonijiet speċjali tal-UE li huma applikabbli għall-ħruġ ta' liċenzja jew ta' klassifikazzjoni FCL tal-UE, abbażi ta' ċertifikat jew ta' klassifikazzjoni tal-bdoti tal-FAA, kif ukoll il-kundizzjonijiet speċjali tal-FAA li huma applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikat jew ta' klassifikazzjoni tal-bdoti tal-FAA abbażi ta' liċenzja jew ta' klassifikazzjoni FCL tal-UE.

Dawn il-kundizzjonijiet speċjali huma r-rekwiżiti regolatorji addizzjonali, li jeħtieġ jiġu kkontrollati waqt il-proċess ta' konverżjoni biex jitqiesu d-differenzi bejn is-sistemi regolatorji tal-UE u tal-Istati Uniti għall-ġoti tal-liċenzji tal-bdoti privati.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza skont il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili, rigward iż-żieda ta' Anness 3 mal-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2011<sup>1</sup>.
- (2) Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Ftehim huwa li tittejjeb ir-relazzjoni ta' kooperazzjoni li ilha teżisti bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili mad-dinja kollha u sabiex jitnaqqsu l-piżijiet ekonomiċi fuq l-industrija tal-avjazzjoni u l-operaturi tagħha minħabba sorveljanza regolatorja bla bżonn;
- (3) L-Emenda 1<sup>2</sup> għall-Ftehim twessa' l-ambitu tal-Artikolu 2.B tal-Ftehim biex jinkludi, fost affarijiet oħra, l-għoti tal-liċenzji u t-taħriġ tal-persunal.
- (4) L-Artikolu 5 tal-Ftehim, kif emendat, jipprevedi l-iżvilupp ta' Annessi ġodda tal-Ftehim għal kwistjonijiet li huma parti mill-ambitu tal-Ftehim.
- (5) Iż-żewġ Aġenti Tekniċi, jiġifieri l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għall-UE u l-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni għall-Istati Uniti, għamlu proposta lill-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza biex jadotta Deċiżjoni biex jiġi ppromulgat Anness 3 ġdid tal-Ftehim sabiex ikopri l-aċċettazzjoni reċiproka tas-sejbiet tal-konformità u tad-dokumentazzjoni, kif ukoll il-forniment ta' assistenza teknika rigward l-għoti tal-liċenzji u l-monitoraġġ tal-konformità tal-bdoti privati.
- (6) Permezz tal-konverżjoni ssimplifikata tal-liċenzji tal-bdoti privati u ta' ċerti klassifikazzjonijiet tal-bdoti jkun hemm il-qafas biex jiġi żgurat li l-bdoti b'residenza fl-Unjoni Ewropea jtaġru l-inġenji tal-ajru abbażi tal-liċenzji/tal-klassifikazzjonijiet maħruġa skont ir-Regolamenti tal-UE, li jkunu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet tal-

<sup>1</sup> ĠU L 291, 9.11.2011, p. 3-44

<sup>2</sup> ĠU L 11, 16.1.2018, p. 3-5

Istati Membri tal-UE u li jżommu u jiżviluppaw il-kwalifiki tagħhom f'organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-UE. Barra minn hekk, din se ġġib magħha benefiċċji prattiċi sinifikanti għal għadd kbir ta' bdoti, b'residenza fl-Unjoni u fl-Istati Uniti, mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza.

- (7) L-Artikolu 19.C tal-Ftehim jipprevedi li jidħlu fis-seħħ Annessi individwali permezz ta' deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza stabbilit skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim.
- (8) Jenħtieġ li l-Anness 3 il-ġdid dwar l-Għoti tal-Liċenzji tal-Bdoti jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.
- (9) L-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/719/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili jipprevedi li, skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza fir-rigward tal-adozzjoni ta' Annessi addizzjonali skont l-Artikolu 3.C.7 u l-Artikolu 19.C tal-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza, skont l-Artikoli 3 u 19 tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza li temenda l-Anness 3 tal-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni 0010 tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza, meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

B'dan, id-Direttur responsabbli għall-Avjazzjoni fid-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport, bħala l-Kopresident u r-rappreżentant tal-Unjoni fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza, qiegħed jingħata s-setgħa biex jiffirma d-Deċiżjoni 0010 tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza.

#### *Artikolu 3*

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*